

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.10697 – ARAMCO OVERSEAS COMPANY / LOTOS SPV 1)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 385/08)

1. Fis-27 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Aramco Overseas Company B.V. ("AOC", in-Netherlands), ikkontrollata mis-Saudi Arabian Oil Company (l-Arabja Sawdija),

— Lotos SPV 1 sp. z o.o. ("il-Kumpanija fil-Mira", il-Polonja).

AOC se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tal-Kumpanija fil-Mira kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— AOC tippovdi lill-affiljati tagħha fil-grupp Saudi Aramco b'firxa wiesgħa ta' servizzi inklużi servizzi ta' appoġġ finanzjarju, ġestjoni tal-katina tal-provvista, servizzi ta' appoġġ tekniku u varjetà ta' servizzi ta' appoġġ amministrattiv,

— Il-Kumpanija fil-Mira hija veikolu bi skop speċjali u sussidjarja bi sjieda sħiħa ta' Lotos (attwalment Orlen) attiva fid-distribuzzjoni bl-ingrossa tal-fuels fil-Polonja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jintieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10697 – ARAMCO OVERSEAS COMPANY / LOTOS SPV 1

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").